IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2020
COM(2020) 821 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/974 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni**

# 1. INTRODUZZJONI

## 1.1. GĦAN TAR-RAPPORT

Il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/974 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni ("ir-Regolament"). L-iskeda ta' żmien speċifika stabbilita fl-Artikolu 9 tar-Regolament hija għall-Kummissjoni li tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull ħames (5) snin minn hemm 'il quddiem. Dan ir-rapport għandu l-għan li jikkonforma mar-rekwiżit ta' rappurtar tal-Kummissjoni.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-isfond, il-kuntest tal-politika u l-kopertura tal-leġiżlazzjoni u jiddiskuti kwistjonijiet assoċjati mal-implimentazzjoni tagħha. It-Taqsima finali tiddeskrivi żviluppi futuri possibbli u tippreżenta konklużjonijiet.

## 1.2. SFOND TAL-QAFAS ĠURIDIKU

Ir-Regolament tfassal biex jipprovdi *data* statistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u komprensiva lill-Kummissjoni, lil istituzzjonijiet oħra tal-UE, lill-gvernijiet nazzjonali u lill-pubbliku ġenerali, dwar żviluppi fit-trasport ta' merkanzija trasportata minn passaġġi fuq l-ilma interni fl-UE.

Peress li r-Regolament (KE) Nru 1365/2006[1] kien ġie emendat sostanzjalment diversi drabi, ġie kkodifikat u mħassar bir-Regolament (UE) 2018/974 biex ikun aktar ċar u simplifikat. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 425/2007[2] biss jibqa' fis-seħħ.

## 1.3. IL-KUNTEST TAL-POLITIKA

Meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport, li ħafna drabi jiffaċċjaw problemi ta' konġestjoni u ta' kapaċità, it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni huwa affidabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u għandu potenzjal konsiderevoli għal użu akbar.

Il-passaġġi fuq l-ilma interni huma alternattiva kompetittiva għat-trasport bit-triq. B'mod partikolari, dan il-mezz ta' trasport huwa alternattiva li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent f'termini kemm tal-konsum tal-enerġija kif ukoll tal-emissjonijiet tal-istorbju. Barra minn hekk, il-passaġġi fuq l-ilma interni jipprovdu livelli għolja ta' sikurezza, speċjalment għat-trasport ta' oġġetti perikolużi. Fl-aħħar nett, dawn itaffu l-piż fuq in-networks tat-toroq mgħobbija żżejjed f'reġjuni b'densità għolja ta' popolazzjoni.

Dan is-settur huwa rilevanti ħafna għall-politika tat-trasport; il-White Paper [3] "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" tistabbilixxi 10 għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti. Il-politika attwali tan-navigazzjoni interna għall-2014-2020 hija integrata fil-programm tal-pjan ta' azzjoni Naiades II[4]. Sabiex jitwettqu l-kompiti fil-kuntest tal-programmi suċċessivi ta' Naiades u tal-politika komuni tat-trasport tal-UE, l-istatistika Ewropea dwar il-passaġġi fuq l-ilma interni tintuża fit-tfassil, il-

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 425/2007 tas-19 ta' April 2007 ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 103, 20.4.2007, p. 26).

[3] COM (2011) 144 finali.

[4] https://ec.europa.eu/transport/modes/inland/promotion/naiades2_en (disponibbli bl-Ingliż biss).

monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tat-trasport u politiki oħra bħall-operat tas-suq intern. L-iżvilupp tal-politika komuni tat-trasport tal-UE jeħtieġ għarfien fil-fond tal-iskala tat-trasport tal-merkanzija mill-passaġġi fuq l-ilma interni u l-modi li bihom dan il-mod ta' trasport qed jinbidel. Id-*data* miġbura tgħin ukoll fil-promozzjoni tat-trasport permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni, filwaqt li tgħin biex dan il-mod ta' trasport jiġi integrat fil-katina loġistika intermodali.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[5] huwa l-istrateġija l-ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tagħmel l-ekonomija tal-UE sostenibbli billi ssarraf l-isfidi klimatiċi u ambjentali f'opportunitajiet fl-oqsma kollha ta' politika u billi tagħmel it-tranżizzjoni ġusta u inklużiva għal kullħadd. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew titlob tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. L-azzjonijiet ta' prijorità għal bidla lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti jinkludu:

- it-tisħiħ tat-trasport multimodali;
- l-appoġġ għall-użu ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà awtomatizzata u konnessa fil-modi kollha;
- indirizzar aħjar tal-kostijiet esterni tal-attivitajiet tat-trasport permezz tal-ipprezzar;
- iż-żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' karburanti tat-trasport alternattivi sostenibbli; u
- it-tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport, speċjalment fil-bliet.

Sabiex tingħata spinta lit-trasport multimodali, il-Patt Ekoloġiku Ewropew qed jitlob bidla ta' 75 % tat-trasport mit-trasport bit-triq għall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. Biex jintlaħaq dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea se tipproponi miżuri biex iżżid il-kapaċità tan-navigazzjoni interna mill-2021.

## 1.4. KOPERTURA TAL-ISTATI MEMBRI U PAJJIŻI OĦRA

Ir-Regolament dwar l-istatistika tat-trasport tal-merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni japplika direttament u fl-intier tiegħu għall-Istati Membri kollha. M'hemmx għalfejn tiġi trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jużaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u għalhekk ir-Regolament jaffettwa biss lil dawk li għandhom dan il-mezz ta' trasport.

Ir-Regolament jistabbilixxi limitu li 'l fuq minnu l-Istati Membri huma obbligati jipprovdu *data*: ir-rekwiżit japplika għal dawk kollha fejn il-volum totali ta' merkanzija trasportata kull sena minn passaġġi fuq l-ilma interni jaqbeż il-miljun tunnellata. Bħalissa, 12-il Stat Membru huma obbligati li jipprovdu d-*data*: il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

Skont ir-Regolament, il-pajjiżi li jaqbżu l-limitu ta' miljun tunnellata iżda mingħajr traffiku internazzjonali jew ta' tranżitu huma meħtieġa jipprovdu biss sett tad-*data* annwali mnaqqas (it-Tabella V1 fl-Anness V tar-Regolament). Bħalissa, dan ma japplika għall-ebda Stat Membru.

Ħames Stati Membri bħalissa jipprovdu *data* b'mod volontarju: iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, il-Finlandja u l-Iżvezja. Għalkemm iċ-Ċekja hija inqas mil-livell limitu stabbilit mir-Regolament, hija tirrapporta d-*data* kollha meħtieġa. L-erba' pajjiżi l-oħra jipprovdu sett tad-*data* annwali mnaqqas (it-Tabella V1 fl-Anness V).

Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands u r-Rumanija jipprovdu wkoll *data* dwar it-traffiku tal-bastimenti (it-Tabella II2 fakultattiva fl-Anness II).

---

[5] COM(2019) 640 final.

Barra mill-Unjoni Ewropea, is-Serbja, pajjiż kandidat, tipprovdi wkoll *data* trimestrali fuq bażi volontarja.

Mill-1 ta' Frar 2020, meta r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea, l-Eurostat żied mas-settijiet tad-*data* tiegħu l-aggregat il-ġdid "Unjoni Ewropea – 27 pajjiż (mill-2020)" għajr ir-Renju Unit. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2020, ir-Renju Unit qed ikompli jibgħat id-*data* lill-Eurostat. Din id-*data* ssir disponibbli għall-utenti.

# 2. SEGWITU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

## 2.1. KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI LEGALI

Il-konformità mal-obbligi tal-forniment tad-*data* stipulati fir-Regolament hija tajba ħafna. L-Istati Membri kollha jipprovdu s-settijiet tad-*data* meħtieġa. Id-dewmien ġie osservat biss fi ftit każijiet. Il-livell għoli ta' konformità jfisser li l-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa hija affidabbli u ta' kwalità għolja.

## 2.2. METODI UŻATI GĦALL-ĠBIR TAD-*DATA* FL-ISTATI MEMBRI

Il-proċessi tal-ġbir u l-kompilazzjoni tad-*data* jvarjaw fost il-pajjiżi li jirrapportaw iżda jsegwu fluss tradizzjonali ta' informazzjoni minn isfel għal fuq. Il-fornituri tad-*data* jvarjaw bejn il-pajjiżi, iżda l-aktar sorsi frekwenti huma l-awtoritajiet tal-port u tal-magħluq. Il-pajjiżi jikkompletaw id-*data* tagħhom bl-informazzjoni riċevuta minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inklużi uffiċċji doganali, pajjiżi ġirien, operaturi privati, ditti u aġenziji. Disgħa mill-pajjiżi li qed jirrapportaw jużaw *data* miksuba mis-Servizz ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar tagħhom jew minn sistemi simili oħra.

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti japplikaw kontrolli ta' validazzjoni bl-użu ta' proċeduri ta' kontroll żviluppati internament qabel ma jibagħtu l-informazzjoni lill-Eurostat. Ir-regoli ta' validazzjoni jkopru ħafna aspetti tal-proċess, inkluż il-format tad-*data*, il-kodifikazzjoni, il-konsistenza interna ta' kull sett tad-*data*, il-konsistenza bejn settijiet ta' *data* u varjabbli differenti, u l-konsistenza tas-serje kronoloġiċi.

Il-pajjiżi kollha li jirrapportaw jagħmlu użu dirett jew indirett mid-*data* miġbura fil-livell nazzjonali, jew għal finijiet ta' politika jew għat-tixrid.

## 2.3. KOST U PIŻ GĦALL-ISTATI MEMBRI

Il-Eurostat qiegħed kontinwament jipprova jnaqqas u jissimplifika l-piżijiet u jirċievi rispons regolari mill-Istati Membri dwar din il-kwistjoni. F'kooperazzjoni mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, qed timplimenta miżuri speċifiċi biex tnaqqas il-piż tal-ġbir u r-rappurtar tad-*data*. Dawn jinkludu:

1. l-iżvilupp ta' matriċi tad-distanza biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar;
2. l-iżvilupp ta' għodod u rutini ta' trażmissjoni u validazzjoni awtomatizzati, li jipprovdu rispons lill-Istati Membri dwar il-kwalità tad-*data* u erruri speċifiċi f'kull sett tad-*data*;
3. l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari ta' esperti nazzjonali mill-Istati Membri, il-pajjiżi taż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali (jiġifieri l-Grupp ta' esperti dwar l-Istatistika tat-Trasport fuq Passaġġi tal-Ilma Interni u task forces) biex jaqsmu l-aqwa prattiki u jiddiskutu l-kwalità, il-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet tad-*data*.

Skont ir-rispons miġbur minn kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri f'Frar 2020, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jqisu li l-ġbir tad-*data* huwa utli u l-kostijiet u l-piż tal-ġbir tad-*data* huma ġġustifikati minħabba l-benefiċċji tad-*data* miġbura. Pajjiż wieħed iqis ir-rappurtar tad-*data* dwar it-tranżitu bħala piż kbir.

### 2.4. VALIDAZZJONI TAD-*DATA* U KWALITÀ TAD-*DATA* STATISTIKA RIĊEVUTA

Intlaħaq livell għoli ta' standardizzazzjoni fl-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni tad-*data*. Id-*data* tiġi trażmessa elettronikament lill-Eurostat permezz tal-EDAMIS[6], filwaqt li tiġi rrispettata l-istruttura tal-fajls tad-*data* u l-format tar-rekord. Bis-saħħa ta' sistema ta' validazzjoni implimentata fl-EDAMIS, jiġu identifikati malajr l-erruri bażiċi u l-kodiċijiet skorretti, filwaqt li l-informazzjoni tiġi inkorporata malajr fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat dwar il-produzzjoni.

Ladarba d-*data* tiddaħħal fil-bażi tad-*data* tal-produzzjoni tal-Eurostat, jiġu applikati kontrolli dettaljati tal-kwalità għad-*data* trażmessa. Din il-validazzjoni tinkludi l-konsistenza interna tas-settijiet tad-*data*, il-konsistenza maż-żmien, il-konsistenza bejn is-settijiet tad-*data*, u tqabbil tar-riżultati bejn il-pajjiżi sħab li jirrapportaw (kontrolli mera).

B'mod ġenerali, il-kwalità tad-*data* tista' titqies tajba. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sforzi, speċjalment biex jitnaqqsu l-assimetriji enfasizzati mill-kontrolli mera u biex jittejjeb ir-rappurtar tad-*data* dwar it-tranżitu.

### 2.5. APPOĠĠ METODOLOĠIKU GĦALL-ISTATI MEMBRI

Il-Eurostat jipprovdi appoġġ metodoloġiku u tekniku kontinwu u jagħmel kull sforz biex iżomm sistema tal-informazzjoni b'*data* u b'metadata ta' kwalità għolja.

Il-Eurostat ipproduċa *Manwal ta' Referenza dwar l-Istatistika tat-Trasport fuq Passaġġi tal-Ilma Interni*[7] li jipprovdi lill-Istati Membri bi gwida dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-manwal ta' referenza jiġi aġġornat regolarment (normalment kull sena) biex ikun jinkludi l-aktar informazzjoni, dokumentazzjoni jew linji gwida riċenti rilevanti għall-ġbir ta' din l-istatistika.

### 2.6. STUDJI PILOTA DWAR ID-DISPONIBBILTÀ TA' *DATA* STATISTIKA RELATATA MAT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI PERMEZZ TA' PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

L-Artikolu 5 tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tinvestiga l-iżvilupp tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż permezz ta' servizzi tat-trasport transfruntiera. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 5 jistipula li l-Kummissjoni għandha:

a) tiżviluppa l-metodoloġija, sat-8 ta' Diċembru 2018, għall-ġbir tad-*data* rilevanti;
b) tniedi studji pilota volontarji, sat-8 ta' Diċembru 2019 li jridu jwettquhom l-Istati Membri u li jipprovdu *data* fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar id-disponibbiltà ta' *data* statistika relatata mat-trasport tal-passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni;

---

6 EDAMIS (sistema elettronika ta' amministrazzjoni tal-fluss tad-*data* u ta' informazzjoni ta' ġestjoni) hija s-sistema ta' informazzjoni biex tiġi implimentata l-politika tal-punt ta' dħul uniku. Il-fajls tad-*data* kollha skambjati bejn l-Eurostat u s-sħab tiegħu fil-livell nazzjonali u internazzjonali jiġu trażmessi elettronikament bl-applikazzjoni EDAMIS. Fil-każ tal-istatistika tat-trasport, il-format tad-*data* mistenni huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni relatata u speċifikat aktar fil-manwali tekniċi.

7 https://circabc.europa.eu/sd/a/361f0475-4c86-4ff8-b83e-6cf3759f377e/Reference%20Manual_October_2019.pdf (disponibbli bl-Ingliż biss).

c) tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-8 ta’ Diċembru 2020.

L-Artikolu 5 jiddikjara wkoll li r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandu jippreżenta r-riżultati tal-istudji pilota. Skont ir-riżultati ta’ dak ir-rapport, u fi żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposta leġiżlattiva biex temenda r-Regolament attwali fir-rigward tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-Kummissjoni kopriet parti mill-kostijiet tal-istudji pilota billi tat għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra.

Il-Eurostat, flimkien mal-Istati Membri, żviluppa abbozz tal-metodoloġija għall-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri minn passaġġi fuq l-ilma interni. F’konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament, dan l-abbozz tal-metodoloġija ġie ffinalizzat fit-6 ta’ Diċembru 2018 u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri għall-użu fl-istudji pilota tagħhom. L-istudji pilota jinkludu żewġ moduli: statistika dwar it-trasport tal-passiġġieri minn passaġġi fuq l-ilma interni (modulu 1) u statistika dwar aċċidenti li jinvolvu passaġġi fuq l-ilma interni (modulu 2). F’Ġunju 2019, ingħataw għotjiet biex jitwettqu studji pilota lil seba’ pajjiżi: il-Kroazja, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

Is-suġġett ġie diskuss minn DIMESA (il-laqgħa tal-Eurostat tad-diretturi tal-istatistika u l-kontijiet settorjali u ambjentali), li tappoġġa l-ħidma li qed issir f’dan il-qasam.

## 2.7. Studji pilota dwar id-disponibbiltà ta’ *data* statistika dwar aċċidenti li jinvolvu passaġġi fuq l-ilma interni

L-Artikolu 5 tar-Regolament ma jirreferix għall-istatistika dwar l-aċċidenti. Madankollu, *data* dwar aċċidenti li jinvolvu passaġġi fuq l-ilma interni hija qasam importanti ieħor għall-Kummissjoni. B’mod speċifiku, għandha l-għan li tiżviluppa sistema għall-ġbir armonizzat tal-istatistika dwar l-aċċidenti u l-inċidenti li jinvolvu l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż it-traffiku transfruntier.

Il-Eurostat jippubblika data dwar aċċidenti assoċjati ma’ ħames modi ta’ trasport (ferroviji, toroq, avjazzjoni, marittimi, u passaġġi tal-ilma interni (parzjalment)). Id-*data* dwar l-inċidenti li jinvolvu t-trasport ferrovjarju, bl-ajru u bil-baħar tinġabar mill-Aġenziji Ewropej li jiffokaw speċifikament fuq dawk l-oqsma. Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni jiġbor *data* dwar l-inċidenti li jinvolvu t-toroq. Madankollu, ma teżisti l-ebda aġenzija bħal din għal *data* dwar aċċidenti li jinvolvu passaġġi fuq l-ilma interni. Iċ-ċifri ppubblikati mill-Eurostat huma pprovduti minn xi Stati Membri fuq bażi volontarja (ara l-*Manwal ta’ Referenza dwar l-Istatistika tat-Trasport fuq Passaġġi tal-Ilma Interni*).

Madankollu, din il-ġabra mhix kompluta. Biex tinkiseb *data* statistika kompluta dwar il-ħames modi kollha ta’ trasport, il-Eurostat irreveda u kompla jiżviluppa l-metodoloġija għall-aċċidenti fit-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u inkluda modulu ddedikat fl-istudji pilota.

Ir-riżultati ta’ dan il-modulu dwar l-aċċidenti se jgħinu biex jittejjeb il-ġbir tad-*data* dwar l-inċidenti li jinvolvu l-passaġġi fuq l-ilma interni.

## 2.8. Id-disseminazzjoni tad-*data*

Il-Eurostat jirrilaxxa d-*data* miġbura skont ir-Regolament permezz tal-bażi tad-*data* ta’ disseminazzjoni tal-Eurostat, li tista’ tiġi aċċessata mingħajr ħlas mis-sit web tal-Eurostat. Il-

bażi tad-*data* fiha 17-il tabella dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, akkumpanjati minn fajl dettaljat tal-metadata.

Il-Eurostat jipproduċi wkoll tliet artikli "Statistics Explained" li jipprovdu analiżi tad-*data* għall-midja u għall-pubbliku ġenerali [8]. Id-disseminazzjoni tad-*data* jinkludi wkoll estrazzjonijiet ta' *data* mfassla apposta għall-utenti u għal dawk li jfasslu l-politika, l-aħbarijiet tal-Eurostat u d-*data* fil-pubblikazzjonijiet tal-Eurostat (eż. il-ktieb tal-istatistika dwar *Statistika dwar l-enerġija, it-trasport u l-ambjent*[9]).

## 3. AKTAR ŻVILUPP TAL-ISTATISTIKA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA, TAL-PASSIĠĠIERI U TAL-AĊĊIDENTI FIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbret sett ta' politiki trasformattivi fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluż it-trasport. L-istatistika dwar il-passaġġi fuq l-ilma interni tista' tgħin fl-istabbiliment u l-monitoraġġ ta' miri ta' politika. Dan jinkiseb billi tiġi pprovduta *data* dwar il-volumi ta' merkanzija ttrasportata, it-tagħmir u l-infrastruttura.

Huwa possibbli li jiġi previst il-ġbir ta' varjabbli ġodda jew aktar dettaljati filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti tad-*data* u jiġi evalwat bir-reqqa l-piż probabbli fuq dawk li jwieġbu. F'dan il-kuntest, kopertura aħjar tad-*data* mill-port tat-tagħbija/ħatt u tad-*data* skont it-tip ta' merkanzija hija ta' interess partikolari. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi investigat kif id-*data* eżistenti jew ġdida tista' tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-intensità tal-karbonju u l-effiċjenza enerġetika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Qasam ieħor ta' titjib possibbli huwa l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet u l-listi ta' kodiċijiet bejn il-passaġġi fuq l-ilma interni u modi oħra involuti fit-trasport intermodali tal-merkanzija. Dan jikkontribwixxi għal komparabbiltà aħjar taċ-ċifri tat-trasport għal modi differenti ta' trasport.

Il-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom il-potenzjal li jżidu r-rwol tagħhom fit-trasport tal-passiġġieri. Id-*data* dwar il-passiġġieri tista' tipprovdi informazzjoni interessanti dwar l-użu tat-tipi differenti ta' trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (eż. kruċieri, trasport b'laneċ u xarabanks tal-ilma, eċċ.)

Il-Kummissjoni ilha taħdem biex tiżviluppa għodda Ewropea armonizzata ta' "matriċi tad-distanza" fil-livell minn port sa port. Fil-matriċi, id-distanza totali mill-port sal-port tinqasam fid-distanzi individwali vvjaġġati f'kull wieħed mill-pajjiżi li jgħaddu tul il-vjaġġ. Wieħed mill-għanijiet tal-matriċi huwa li jgħin biex jitnaqqas il-piż assoċjat mal-ġbir tad-*data* dwar it-tranżitu. L-applikazzjoni futura tiegħu tiddependi fuq id-disponibbiltà tad-*data* fil-livell ta' port għal port. Tiddependi wkoll fuq l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ġeografika tal-port b'mod aktar preċiż u konsistenti u fuq it-titjib tan-network ġeografiku tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-pajjiżi għandhom jiġu mħeġġa jipprovdu *data* skont il-port tat-tagħbija/ħatt u skont it-tip ta' merkanzija; iż-żewġ kategoriji bħalissa huma pprovduti fuq bażi volontarja biss.

Il-kopertura ġeografika tal-ġbir tal-istatistika tista' tiġi estiża permezz ta' tkabbir futur tal-UE u permezz tal-involviment volontarju ta' pajjiżi terzi u/jew organizzazzjonijiet internazzjonali permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni.

---

[8] Trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni – *data* ta' kull tliet xhur u annwali (disponibbli biss bl-Ingliż). L-istatistika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (disponibbli biss bl-Ingliż). Passaġġi fuq l-ilma interni – statistika dwar it-trasport tal-kontejners (disponibbli biss bl-Ingliż).

[9] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-DK-19-001 (disponibbli bl-Ingliż biss).

Ir-rispons miġbur bi kwestjonarju mibgħut fi Frar tal-2020 lill-Istati Membri juri li ħames pajjiżi (mid-disa' li wieġbu) ma għandhom l-ebda rekwiżit speċifiku għat-titjib tar-Regolament attwali. Huma semmew li riżorsi skarsi, kif ukoll żieda fil-kostijiet u fil-piż, jistgħu jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jiġbru *data* ġdida jew li jespandu l-ġbir ta' tipi tad-*data* eżistenti (eż. *data* dwar it-trasport tal-passiġġieri jew *data* mqassma skont it-tip ta' merkanzija). Fl-istess ħin, huma jirrikonoxxu li l-inizjattivi Ewropej attwali (bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew) jistgħu joħolqu ħtiġijiet ġodda ta' *data* li jridu jiġu evalwati u diskussi. Il-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar il-matriċi tad-distanza għat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ġiet enfasizzata, b'mod partikolari għax se tnaqqas il-piż involut fil-ġbir tad-*data* dwar it-tranżitu. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll armonizzazzjoni aħjar tad-definizzjonijiet.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

L-esperjenza miksuba u r-riżultati miksuba mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/974 jistgħu jiġu kklassifikati bħala pożittivi. Mekkaniżmu li huwa stabbilit sew kemm fil-livell tal-Eurostat kif ukoll f'dak nazzjonali jippermetti riżultati komparabbli ta' kwalità għolja.

Il-Eurostat jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Regolament. Żviluppa sistema ta' informazzjoni xierqa u implimenta metodi ta' komunikazzjoni li jgħinu biex jitnaqqas il-piż tal-ġestjoni tad-*data* fuq il-pajjiżi li jirrapportaw. Il-Eurostat kien qed jipprovdi wkoll appoġġ biex titjieb aktar il-kwalità tad-*data* u jonqos il-piż tal-ġbir u tar-rappurtar tad-*data*.

Fir-rigward tal-użu tad-*data* miġbura, ir-riżultati miksuba għandhom applikazzjoni immedjata fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' politiki dwar it-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell nazzjonali u tal-UE.